# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)

Avviż Nru: 223/2020 LC

**HALMANN VELLA LIMITED**
(C-28022)

*vs*

**CHRISTOPHER BORG**
(K.I. 65876M)

**Illum, 10 ta' Jannar 2024**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż tas-soċjetà Halmann Vella Limited fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lil Christopher Borg iħallas is-somma ta' tnax-il elf, seba' mija u tnejn u tmenin Ewro u tmintax-il Ewro ċenteżmu (€12,782.18) rappreżentanti ammont dovut lill-attriċi wara li l-esponenti għamlet diversi xogħolijiet u forniet diversi materjal fuq talba tal-intimat u dan kif jirriżulta mill-annessa fattura mmarkata bħala Dokument HMV1 liema somma għadha sal-lum ma tħallsitx, bl-ispejjeż inkluż l-imgħaxijiet legali u dawn tal-ittra uffiċjali ppreżentata kontra l-intimat sad-data tal-effettiv pagament.

Rat ir-risposta tal-intimat Christopher Borg fejn eċċepixxa illi:

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-intimat mhux debitur tas-soċjeta rikorrenti fl-ebda ammont;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jeżisti ftehim kummerċjali bejn il-partijiet li l-intimat iħallas lis-soċjeta rikorrenti bi tpartit ta' xogħol, liema ftehim li l-istess soċjetà rikorrenti qabdet u tterminatu mingħajr il-kunsens tal-esponent.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-Art. 2148 (B) u alternattivament Art. 2156 (F) tal-Kap. 16.

4. Salv risposti ulterjuri.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali;

Semgħat x-xhieda;

Semgħat it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Illi mill-affidavit tar-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti Mark Vella, jirriżulta illi s-soċjetà intimata għamlet diversi xogħolijiet u forniet diversi materjal lill-intimat fuq talba tiegħu stess. Qatt ma kien hemm ilmenti fuq it-tip u l-kwalità tax-xogħol fornut. Jgħid li l-intimat kien avviċinhom sabiex iħallas permezz ta' tpartit iżda minkejja ħafna wegħdiet, dan it-tpartit qatt ma sar. Hu ppreżenta kopja tal-istatement tax-xogħolijiet u materjal, bħala Dok "HMV1" li b'kollox jammontaw għal €12,782.18. Flimkien mal-affidavit tiegħu, Mark

Vella ppreżenta wkoll skambju ta' email bejn ir-rappreżentant legali tas-soċjetà rikorrenti u l-accountant tal-intimat Colin Bowman.
In kontro-eżami qal illi s-soċjetà rikorrenti kienet lesta li ttiħ ix-xogħol biex titħallas minn hemm iżda l-intimat kien sparixxa. Għamlu żmien twil jipprovaw jikkomunikaw miegħu iżda kollu għal xejn. Imbagħad skoprew li l-anqas nies jaħdmu miegħu ma kellu u b'hekk ma setgħux ituħ xogħol, li kien jikkonsisti fi *plastering* u kisi. Il-materjal li fornewħ kien irħam għad-dar tiegħu.

Illi min-naħa tiegħu, l-intimat qal li x-xogħol u materjal mertu ta' din il-kawża kien intiż għad-dar personali tiegħu. Qal li hu kellu jagħmel xi xogħolijiet ġol fabbrika tas-soċjetà rikorrenti u li kellhom ftehim bejniethom, ċioè li jħallas l-ammont dovut bħala 40% *mano d'opera* u r-rimanenti 60% biex jixtri l-materjal mingħandhom u jħallas il-pagi tal-lavranti tiegħu. Hu jgħid li s-soċjetà rikorrenti qatt ma għaddietlu l-fatturi tax-xogħol u materjal provdut lilu mertu ta' din il-kawża. Qal li hu kien ingaġġa lis-soċjetà rikorrenti biss biex tfornilu l-materjal u mhux anke l-*mano d'opera*. Jgħid li ma jaqbilx ma l-ammont mitlub mis-soċjetà rikorrenti u li kemm-il darba ġera' wara s-soċjetà rikorrenti sabiex jirriżolvu din il-pendenza għax ma kienx qed jaqbel magħhom dwar l-ammonti.

Hu jgħid ukoll s-soċjetà rikorrenti għaddietlu dokument li juri li b'kollox għamel xogħol b'madwar €15,386.00 u hemm indikat ukoll is-somma ta' €9,000, liema somma tirrifletti s-60% li kellha tħallas is-soċjetà rikorrenti skont il-ftehim li kellhom. Dan id-dokument ġie ppreżentat flimkien mal-affidavit tiegħu u mmarkat bħala Dok "CB2". Hu jtenni li s-soċjetà rikorrenti qatt ma għaddietlu fatturi dettaljati ta' l-ammonti minnhom reklamat.

In kontro-eżami jgħid li lir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti Mark Vella kien jafu sew u kellu relazzjoni tajba miegħu. Jikkonferma li kellhom ftehim ta' tpartit għal ammont ferm akbar minn dak mitlub

f'din il-kawża. Qal li għad fadal jagħmel xogħol skont il-ftehim tagħhom. Qal li ma ħadmix il-bqija tal-ammont mitlub għax is-soċjetà rikorrenti ma tagħtux xogħol biex jagħmlu. Qal li hu lest li jaħdmu. Qal li ma jidhirlux li Mark Vella ċempillu biex ikomplu bix-xogħol.

Ikkonsidrat;

Illi fl-ewwel lok, it-tielet eċċezzjoni tal-intimat hija dik li l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-Art. 2148 (B) u alternattivament Art. 2156 (F) tal-Kap. 16. Illi l-intimat la ressaq ebda prova dwar din l-eċċezzjoni u lanqas ma segwa l-proċedura kkontemplata fl-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fi kwalunkwe każ, fix-xhieda tiegħu l-istess intimat qal li hu għad fadal jagħmel xogħol skont il-ftehim u li lest li jagħmlu u b'hekk hemm il-ksur tal-preskrizzjoni da parti tal-intimat ai termini tal-Artikolu 2133 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta bl-għarfien tiegħu tad-dejn li għadu dovut.

Illi b'hekk, din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta.

Ikkonsidrat;

Illi fil-mertu, jiġi ndikat li oriġinarjament l-avviż promotur kien jindika l-ammont dovut bħala "materjal ta' aluminium u ħġieġ", liema talba ġiet korretta fis-17 ta' April 2023 ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet sabiex il-kliem "aluminium u ħġieġ" ġie kkanċellat. Ta min jinnota li din il-korrezzjoni saret qabel ma l-intimat iddikjara li qed jagħlaq il-provi u ma kien hemm xejn x'josta lill-intimat milli jressaq provi wara tali korrezzjoni. Dan qiegħed jingħad għaliex id-difiża prinċipali tal-intimat hija li hu ma jaqbilx mal-ammont mitlub. Illi huwa jressaq żewġ xhieda, ossija Christian Borg u Daniel Borg,

fejn xehdu li x-xogħol tal-ħġieġ u aluminium fir-residenza tal-intimat għamluħ huma u anke ppreżenta rċevuta fiskali fl-ammont ta' €7,835.20 (Dok "CB1"). Illi l-Qorti tifhem pjenament il-produzzjoni ta' dawn ix-xhieda qabel ma saret il-korrezzjoni msemmija, imma wara tali korrezzjoni, l-intimat ma ressaq ebda prova, kalkolu jew sottomissjoni sabiex juri fejn ma jaqbilx mal-ammont mitlub. Illi fi kwalunkwe każ, l-istess accountant tiegħu kkonferma mas-soċjetà rikorrenti fl-email tiegħu tal-4 ta' Settembru 2019 li "*he will be paying your client (Halmann Vella) the balance due in full*."

Illi da parti tagħha, is-soċjetà rikorrenti ipprovat bix-xhieda tad-direttur tagħha Mark Vella illi l-ammont minnha reklamat ta' €12,782.18 għadu dovut u dan anke kif jirriżulta mill-istess *Sales Statement* minnha ppreżentat.

Illi b'hekk, il-Qorti tqis li t-talba tas-soċjetà rikorrenti għandha tiġi milqugħa filwaqt li l-eċċezzjonijiet tal-intimat għandhom jiġi respinti.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti u konsegwentement tikkundanna lill-intimat Christopher Borg iħallasha is-somma ta' tnax-il elf, seba' mija u tnejn u tmenin Ewro u tmintax-il Ewro ċenteżmu (€12,782.18) u bl-imgħax legali b'effett mill-25 ta' Marzu 2019, ċioè d-data tal-preżentata tal-Ittra Uffiċjali Nru 500/2019 kontra l-istess intimat, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż tal-preżenti kif ukoll tal-Ittra Uffiċjali Nru Nru 500/2019 jkunu a karigu esklussiv tal-intimat.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**

**Deputat Reġistratur**